**12 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Carmela Zarb et.

*versus*

Felice Bonnici

**Ġudikat — Art. 217 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-liġi ma tgħidx li d-dispożittiv tas-sentenza għandu jirrivesti xi forma sakramentali', iżda tiddisponi biss li kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva jew obligatorja għandha*

*tkun imdaħħla fid-dispożittiv. Jekk id-deċiżjoni ma tħallix dubju dwar x'inhi l-volontà tal-ġudikant li ppronunzjaha, dik id-deċiżjoni tikkostitwixxi ġudikat.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-8 ta' Marzu 1956, fejn jinsabu miġjuba d-domandi tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet respinta (1) l-eċċezzjoni tal-kważi-kuntratt ġudizzjali, u għall-bżonn tar-rinunzja, opposta mill-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u (2) l-eċċezzjoni tan-nullità opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-5 ta' Novembru 1956, li biha ġie dikjarat irritu u null, fil-kap lil dik il-Qorti devolut, l-appell tal-konvenut; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 215, għadu jinsisti li l-komunjoni familjari taċita tirrigwarda biss il-qliegħ mill-azjenda agrikola li l-kontendenti wirtu mill-ġenituri tagħhom, u mhux anki l-qliegħ separat li għamel il-konvenut meta mpjega ruħu. L-atturi minn naħa tagħhom, fin-nota a fol. 219, issottomettew illi din il-Qorti, bis-sentenza tagħha tat-8 ta' Marzu 1956, ġa ppronunzjat ruħha dwar l-estensjoni tal-imsemmija komunjoni, u konsegwentement għall-pretensjoni tal-konvenut hemm l-ostakolu tal-ġudikat;

*Illi din il-Qorti*, fl-imsemmija deċiżjoni tagħha, irrilevat "illi mill-provi miġjuba jirriżulta li bejn il-kontendenti kien hemm stat ta' komunjoni tali li, kif rilevat mill-perit legali, kien jirrivesti l-elementi tal-hekk imsejħa komunjoni familjari taċita, rikonoxxuta mid-dottrina u mill-ġurisprudenza taljana u franċiża, u ammessa direttament u ndirettament anki mill-Qrati Tagħna;...... illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, wara li enumera (fol. 145), fuq l-insenjament tad-dottrina u tal-ġurisprudenza, l-elementi tal-komunjoni taċita familjari, jiġifieri l-indiviżjoni tal-beni,

il-komunjoni ta' kull qliegħ u telf, in-nuqqas ta' rendikont reċiproku, u l-komunanza tal-abitazzjoni bejn il-konsorti, u wara li eżamina l-provi "hinc inde" miġjuba, wasal għall-konklużjoni li ma hemmx dubju li bejn l-atturi u l-konvenut kienet teżisti din il-komunjoni familjari (fol. 153); u l-Qorti tħoss li għandha tadotta r-raġunamenti magħmula u l-konklużjoni raġġunta mill-perit";

Illi l-perit legali kkomprenda f'din il-komunjoni l-qliegħ kollu li sar mill-konsorti, anki dak mhux provenjenti mill-azjenda agrikola, billi l-komunjoni kienet teżisti fl-estensjoni kollha tagħha;

Illi, "rebus sic stantibus", kien hemm ġa pronunċjament formali ta' din il-Qorti dwar l-estensjoni tal-komunjoni "de qua". Xejn ma jiswa li dan il-pronunċjament ma jinsabx fil-parti konklużiva; għaliex il-liġi ma tgħidx li d-dispożittiv għandu jirrivesti xi forma sagramentali, iżda tiddisponi biss illi "kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva jew obligatorja għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv" (art. 217 Proċ. Ċiv.). Dan huwa wkoll l-insenjament ta' Laurent:— "La legge non indica la forma nella quale devessere concepito il dispositivo...... tutto ciò che si richiede si è che vi sia una sentenza, ċioè un dispositivo il il quale decide una controversia. In quanto alla forma, la lascia al giudice" (Diritto Civile, Vol. XX, § 34). U l-istess awtur ikompli jgħid:— "Perchè vi sia giudicato occorre una decisione che non lasci dubio sulla volontà del giudice" (op. u loc. ċit.). Liema insenjament ġie segwit mill-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXVIII-I-740);

Illi anki l-konvenut kien fehem li l-Qorti kienet ippronunċjat ruħha, u fil-petizzjoni tal-appell huwa talab ir-revoka tas-sentenza, u li jiġi deċiż illi fil-komunjoni "de qua" jidħlu biss l-azjenda komuni u l-qbiela u tfaddil derivanti mill-istess azjenda; u kien jibqa' jinsisti fuq dan il-punt kieku l-appell ma ġiex dikjarat null anki għar-rigward ta' din il-kwistjoni;

Illi l-pronunċjament "de quo", anki kieku "ex hypothesi" kellu jitqies bħala parti mill-konsiderandi (li mhux

il-każ), il-konklużjoni ma titbiddelx. Ikompli josserva Laurent:— "Le considerazioni possono far conoscere la volontà del magistrato; e quando queste considerazioni provano evidentemente che egli ha ritenuto come infondata un'eccezione proposta da uno dei contendenti, si deve ritenere che il giudice l'ha implicitamente scartata, tuttocchè il dispositivo taccia a proposito di tale eccezione" (op. u loc. ċit.). U din hija wkoll il-fehma tal-Qrati Tagħna (Kollez. XXX-I-131; XXXVI-I-75; XXVIII-I-740; u Appell Ċivili 29.3.'57 in re "Camilleri vs. Sciberras");

Illi taħt iċ-ċirkustanzi, u għall-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, l-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta mill-atturi hija fondata;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-konklużjonijiet peritali anki rigward il-likwidazzjoni;

Tilqa' l-eċċezzjoni tar-"res judicata" opposta mill-atturi; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

L-ispejjeż, kompriżi dawk relattivi għall-att notarili, jitħallsu mill-kontendenti f'porzjonijiet indaqs.